**218. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## ESTENSJONI TAR-RIŻOLUZZJONI 205 TAS-7 TA' AWWISSU, 1979 DWAR KIRI TA' BINI FIL-BELT VALLETTA LILL-MALTESE LIBYAN ARAB FISHING COMPANY LIMITED

Billi b'Riżoluzzjoni Nru. 205 tas-Seduta Nru. 310 tas-7 ta' Awissu, 1979 il-Kamra tad-Deputati approvat għotja b'kiri ta' bini li jikkonsisti b'cold stores u uffiċini f'Barriera Wharf fil-Belt Valletta, lill-Maltese Libyan Arab Fishing Company Limited;

U billi skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 3 l-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija għall-finijiet tal-paragrafu (c) tas-subartikolu fuq imsemmi, tibqa' sseħħ għal żmien tliet xhur mid-data li tgħaddi, iżda tista' tiġġedded b'riżoluzzjoni oħra li ssir wara, għall-perijodu l-ieħor ta' tliet xhur jew għal dak il-perijodu l-ieħor li jista' jiġi speċifikata;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija tas-7 ta' Awissu, 1979, tiġġedded sas-6 ta' Frar, 1980.

01.11.1979